KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

24 t'Awwissu 2013

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tlieta u Ghoxrin (23) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**
Is-Sindku sejjah il-Wiehed u Ghoxrin (23) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 19 t'Awwissu 2013 fit-3.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Latrina Hdejn il-Kabb Bocci Floriana
10. Evalwazzjoni tal-Offerti
    i. BookBox
    ii. Street Sweeping and Cleaning
    iii. Progett Ftuh ta' Fossa go Pjazza San Publju
    iv. Gbir ta Skart Goff
11. Justin Haber Football Academy
12. Progett that il-Forka
13. Serata Muzika Letterarja
14. *Subways* ta' Triq Sant'Anna
15. Introduzzjoni ta` Bye-Laws
    i. Manutenzjonital-Faccati
    ii. Swieq fil-Berah u Imwejjed u siggijiet
16. Gnien il-Mall
17. Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena
18. Gieh il-Floriana
19. Gemellaggi / Ftehim ta'Koperazzjoni ma bliet barranin
20. Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju
21. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tlieta u Ghoxrin (23) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Il-Vici Sindku Matthew Paris ma kienx prezenti. Hu kien skuzat minhabba ragunijiet ta' safar.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 .Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-wiehed u ghoxrin (21) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 4.1.9 (21) li ghandha taqra "ghamlet riferenza ghall-materja nru 4.1.8".

1.3. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 4.4.2 (21) li ghandha taqra "Il-Kunsillier Borg kien innega li ntqal dak id-diskors filwaqt li s-Sindku sostna li kien intqal."

1.4. Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 10.4 (21) li ghandha taqra "4 u 13".

1.5. Is-Sindku Nigel Holland ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 4.5 (21) li ghandha taqra "is-Supretendent tal-Wirt Kulturali".

1.6. Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati lminuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.1 (21) u saqsa jekk kienx hemm xi progress. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kienet kellmet lis-Segretarju Privat tal-Onor. Roderick Galdes u nformat li ghandha tinghata risposta. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li s-Sinjur kien gie l-ufficcju u kien informah li l-hamiem kienu jintbaghtu kwarantina. Is-Sindku sostna li sakemm jinghata l-approvazzjoni tal-Kunsill, is-Sinjur m'ghandux dritt jaghlef il-hamiem specjalment ladarba kien hemm byelaw tal-istess Kunsill li tmur kontra l-ghalf tal-hamiem.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghat-talba minghand sid ta' banka tal-lottu biex jinbidlu l-hinijiet ta' fuq it-tabella li hemm quddiem l-istess banka. Il-Kunsill qabel li tali tabella ghandha tibqa' kif inhi ladarba ma jistghux jigu specifikati hinijiet fissi.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.6 (21) u saqsa jekk kienx hemm xi progress. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-applikazzjoni ghall-live streaming kienet intbaghtet.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.14 (21) u nforma li kien ghamel it-talba biex l-ismijiet ta' fuq l-istages jinbidlu minn Marsa ghal Floriana.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.5 (21) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi.

> 2.5.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li l-Kunsill kien gie mwaqqaf milli jkompli x-xoghol ta' twahhil ta' bollards.
>
> 2.5.2 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li l-Kunsill kien bat twegiba u talab appuntament ghal laqgha izda ma kien ghadu ha l-ebda risposta.
>
> 2.5.3 Is-Sindku kompla jghid li l-Vici Sindku kien kellem lil persuna mill-Awtorita' tal-Ippjanar fejn kienu taw parir li ssir applikazzjoni.
>
> 2.5.4 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Perit kien gie avvicinat u kien qed jahdem fuq l-applikazzjoni.

2.5.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jikteb lis-Sovratendenza u jitlobhom jaghtu appuntament ghal laqgha fi zmien jumejn u f'kaz milli jonqos li jsir dan, ix-xoghol ghandu jitkompla.

2.5.6 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jinsab iddizappuntat li r-ritratti li kienu ngibu f'gazzetta lokali kienu ttiehdu meta ma kien hemm l-ebda vetturi fuq il-bankini. Huwa kompla jghid li l-vetturi jaghmlu hafna iktar hsara lill-bankini mill-bollards.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.5 (21) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku wiegeb li l-Avukat tal-Kunsill kien gie mitlub jipprocedi legalment izda kien ghadu ma sar xejn. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li din il-materja kienet ilha pendenti snin u ghalhekk kien hemm bzonn urgenti li jsir xi haga.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4. 7 (21) u saqsa jekk kienx hemm xi progress.

2.7.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li ghad hemm diffikulta' sabiex jintbaghtu l-green wardens.

2.7.2 Is-Sindku kompla billi qal li l-ahhar laqgha tar-Regjun Xlokk kienet regghet ma nzammitx minhabba li kien hemm hafna membri assenti, u l-laqgha giet bla kworum.

2.7.3 Is-Sindku qal ukoll li jidher li kien hemm diversi Sindki li jaqblu li l-flus ghandhom jittiehdu pro rata mid-dhul tac-citazzjonijiet wara li jinqatghu l-ispejjez

2.7.4 Is-Sindku qal li ghal-laqgha tar-Regjun dejjem kien hemm rapprezentant tal-Kunsill Lokali Floriana ghall-kuntrarju ta' diversi kunsilli ohra li ma jibghatux rapprezentant u l-laqgha ma tkunx tista' ssir.

2.7.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jaghmel talba lir-Regjun Xlokk sabiex jintbaghtu xi greenwardens fil-Floriana.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni San Publju ta' Malta fejn talbu li tinghalaq Triq l-Isqof Mauro Caruana nhar l-14 ta' Settembru 2013 sabiex tinzamm serata. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha necessarji mill-entitajiet ikkoncernati.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Malta Basketball Association fejn talbu lill-Kunsill biex joffri spazju fejn tkun tista' ssir demostrazzjoni. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghanda toffrilhom li jippartecipaw fl-attivita' Genna ta' Gonna… u hafna aktar!

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Solar Panel Company fejn talbu lill-Kunsill joffrilhom spazju fejn ikunu jistghu jaghmlu reklamar fit-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' t-talba taghhom u jipproponi li jaghzlu l-post li jridu fejn tali reklamar jigi rregolat bil-byelaw tal-istess Kunsill – Advertising on Street Furniture.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland informa li kien gie avvicinat minn persuna li tixtieq taghmel gabbana hdejn il-monument ta' Kristu Re. Il-Kunsill qabel li m'ghandux oggezzjoni fil-principju izda jridu jingiebu l-permessi kollha necessarji mill-entitajiet ikkoncernati li jkunu kollha ghas-sodisfazzjon tal-Kunsill Lokali Floriana.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li kien hemm

fil-bitha tal-Ufficju Amministrattiv, kienet tnehhiet minn postha u kienet qed tigi restawrata mill-haddiema tal-Kunsill, sabiex tkun tista' terga titpogga fil-Blokka l-Gdida tal-Housing (Fit Triq L-Argotti). Is-Sindku Nigel Holland qal li kellu talba mir-Rev. Torpiano sabiex issir manutenzjoni tan-nicca qabel ma terga' titpogga l-istatwa. Il-Kunsill qabel, kif ukoll li ghandha ssir bieba li tinfetah u tissakkar u li ghandu jivverifika jekk hux possibli li jsir dawl quddiem l-istatwa.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq proposta sabiex fil-bitha tal-Kunsill issir statwa ta' San Patrizju.

3.6.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li minflok issir statwa ta' San Guzepp.

3.6.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien ser jipproponi li ssir statwa ta' San Guzepp f'isfel net tal-Housing Estate.

3.6.3 Il-Kunsill qabel b'maggoranza li l-istatwa li ssir ghandha tkun dik ta' San Patrizju.

## <u>4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

4.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano saqsa jekk kienx hemm decizjoni fuq id-dati ta' meta ser issir Gieh il-Floriana. Is-Sindku wiegeb li kien ghad m'hemm l-ebda decizjoni.

4.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa ghalfejn kienu gew ordnati xi tabelli tal-ismijiet tat-toroq zejda. Is-Sindku wiegeb li seta' ha zball fl-ordni ta' tliet tabelli ghal Triq John Lopez.

4.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lis-sid tal-binja tal-Island Sound li kienet tkissret tabella waqt li kien qed isir xi xoghol mill-kuntrattur tieghu u jitolbu jhallas l-ispiza lill-Kunsill.

## <u>5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati</u>

5.1 Ma kien hemm l-ebda rapport u / jew minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

## <u>6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill</u>

6.0 Ma kien hemm l-ebda rapport minn ufficjali tal-Kunsill.

## <u>7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 83-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Sindku Nigel Holland irrimarka li c-cekk nru 11542, ghandu jinzamm sakemm Il-Kunsill jiltaqa' mas-Sovrintendenza.

7.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11445, u minn 11541 sa 11544, bir-rizultat:

Favur: 4 (VB, DSH, NH, ET)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Latrina Hdejn il-Kabb tal-Bocci Floriana

9.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss ladarba kien ghad m'hemm l-ebda zviluppi.

## 10.0 Evalwazzjoni tal-Offerti

### 10.1 BookBox

10.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm diversi alternattivi izda kollha kienu jaqbzu l-budget tal-Kunsill ghal dan il-progett.

10.1.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li tkun hasra jekk il-Kunsill jitlef il-fondi ta' €1000 ghal dan il-progett.

10.1.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill imur ghal book box tal-metall u dan minhabba li trid inqas manutenzjoni u ser tkun inqas esposta ghall-vandalizmu.

10.1.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika il-kwotazzjoni tal book box tal-galvanised steel, li hija bil-perspex.

### 10.2 Street Sweeping and Cleaning

10.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien ser jaghmel ir-rapport qabel ma jigi diskuss. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

### 10.3 Progett Ftuh ta' Fossa go Pjazza San Publju

10.3.1 Is-Sindku informa li kien hemm biss offerta' wahda ghal dan il-progett.

10.3.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi l-offerta' lill-Perit ghall-evalwazzjoni.

### 10.4 Gbir ta Skart Goff

10.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm erbgha offerti ghal din is-sejha.

10.4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili issuggeriet li l-Kunsill jitlob kummenti u lista' ta default notices lill-kunsilli l-ohra li jkunu haddmu jew qed ihaddmu lil xi wiehed mill-offerenti.

10.4.3 Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jaghmel ir-rapport qabel ma tigi diskussa din il-materja.

10.4.4 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa illi l-Kunsill ma jaghmilx limitu ghall-ammont t'oggetti li jingabru minn kull dar u dan biex jitnaqqas l-abbuz minhabba li hafna affarijiet jispiccaw jintremghu barra.

10.4.5 Is-Sindu ssuggerixxa li jekk il-Kunsill jixtieq li jkun hemm bidla fl-operat, tali proposta ghandha titressaq fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex tittiehed decizjoni finali.

## 11.0 Justin Haber Football Academy

11.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienetx intbaghtet is-sejha ghan-nominazzjonijiet tat-tfal f'kull dar. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili wiegbet li dawn kienu ntbaghtu.

11.2 Is-Sindku ressaq it-talba ta' Justin Haber li jiddeciedi hu l-gurnata li jkun jista' juza l-picc il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li tali decizjoni ghandha tibqa' fid-diskrezzjoni tal-Kunsill u mhux tal-Akkademja.

11.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq it-talba ta Justin Haber Football Academy sabiex jinbidlu l-hinijiet u jsiru mit-3pm sat-8pm. Il-Kunsill ma jaqbilx li ghandhom jinbidlu l-hinijiet tal-picc sintetiku l-kbir izda approva li jinbidlu l-hinijiet tal-picc iz-zghir.

11.4 Is-Sindku ghamel riferenza ghal kif kien sar il-picc iz-zghir li kien imur kontra l-ftehim li kien sar mal-Kunsill. Is-Sindku kompla billi qal li dan il-picc ma jistax jintuza ghat-tennis u biex jinzamm il-ftehim irid isir picc gdid li jista' jintuza ghat-tennis u ghall-football., trid terga' tinqala' l-art.

11.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa bit-talba tal-akkademja biex isir bin iehor. Il-Kunsill qabel li jitwahhal bin iehor fuq barra.

11.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm talba biex issir floodlight ohra biex jizdied id-dawl. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jidhol fi spiza ta' floodlight ohra, izda ma jsib l-ebda oggezzjoni li JHFA iwahhlu iktar floodlights.

11.7 Rigward il-kwistjoni tad-drainage, il-Kunsill ma qabilx li ghandu jassorbi din l-ispiza hu.

11.8 Is-Segretarju Ezekuttiv informa ukoll li JHFA irrapurtaw li ammont tal-ilma qed jidhol gewwa l-ufficjini taghhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir rapport minn xi perit ghal evalwazzjoni.

## 12.0 Progett that il-Forka

12.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-haddiema tal-Kunsill kienu diga marru jaraw x'hemm bzonn biex isir il-poggaman hdejn ir-rampa.

12.2 Il-Kunsilier Vincent Borg issuggerixxa li jsir toilet permanenti u showers hdejn il-Vikings Sailing Club. Il-Kunsillier Borg kompla billi ssuggerixxa li t-toiletsu s-showers isiru b'mod awtomatiku u bil-flus.

12.3 Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera Davina Sammut Hili tkellem lis-Segretarju Privat tal-Ministru Joe Mizzi sabiex jara jekk dan il-progett jistax isir b'mod kongunt.

## 13.0 Serata Muzika Letterarja

13.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li xtaq jorganizza serata muzika letterarja u kien talab l-ghajnuna ta' Charles Magro, mill-Ghaqda Poeta u Kittieba Maltin.

13.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano ssuggerixxa li din is-serata ssir nhar it-13 ta' Settembru 2013 fil-bitha tad-Dar tal-Kunsill. Huwa kompla billi qal li din l-attivita' kienet ser issir b'mod.

13.3 Il-Kunsill qabel mal-proposta izda qabel li din l-attivita' ghandha ssir fi Gnien Vilhena minflok fil-bitha tad-Dar tal-Kunsill, u jinkrew xi siggijiet.

13.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jara jekk isibx sponsorship sabiex il-Kunsill ikun jista' joffri xi haga tal-ikel u x-xorb lill-partecipanti u lill-udjenza.

13.5 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li jekk ma jinstabx sponsor, il-Kunsill jiehu hsieb li jitlesta xi haga zghira tal-ikel u x-xorb.

## 14.0 Subways ta' Triq Sant'Anna

14.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li sfortunatament, is-sitwazzjoni tas-subways ta' Triq Sant'Anna baqghet l-istess.

14.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien gie nformat li Transport Malta kienu qeghdin fil-process tat-tendering sabies issir manutenzjoni.

## 15.0 Introduzzjoni ta` Bye-Laws

### 15.1 Manutenzjoni tal-Faccati

15.1.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kinietx giet iccirkolata din il-byelaw, izda irrizulta fin-negattiv

15.1.2 Il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jara l-abbozz qabel ma jiehu decizjoni finali.

### 15.2 Swieq fil-Berah u Imwejjed u Siggijiet

15.2.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kinietx giet iccirkolata din il-byelaw u irrizulta fl-affirmattiv.

15.2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega fil-qosor il-kontenut u l-proposti ta' din il-byelaw fejn din tinhadem b'mod kongunt bejn il-kunsilli kollha li huma involuti fil-monti.

15.2.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jippartecipa fid-diskussjonijiet ta din il-byelaw.

## 16.0 Gnien il-Mall

16.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ghandu jiccekkja mal-ELC jekk kienux gew mghoddija l-flus dovuti lilhom mill-att ta' vandalizmu li kien sar ricentement., u jekk fl-affirmattiv, dawn jigu mitluba biex isir ix-xoghol.

## 17.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena

17.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li wara li kien tkellem ma' Steve Vaughan rigward il-proposta tieghu biex jorganizza din l-attivita', kien gie maqbul li l-Kunsill jipprocedi bl-ghajnuna tal-G7 minhabba li s-Sur Vaughan ma kienx tah proposta finali.

17.2 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jigbed l-attenzjoni tal-Avukat tal-Kunsill minhabba li kien qed jonqos hafna lill-Kunsill.

17.3 Is-Sindku qal li wara li tkellem ma' Owen Spiteri tal-G7, hu kien ippropona li l-attivita' tinzamm fi Pjazza Papa Gwanni XXIII.

17.4 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill ikellem lill-Onor. José Herrera sabiex itih konferma li l-Kunsill kien ser jinghata l-fondi ta' €10,000 ghal din l-attivita'. Is-Sindku qal li wara li jkun hemm konferma bil-miktub, jissuggerixxi li l-Kunsill ikellem lil G7 sabiex jinghata proposta finali u l-Kunsill ikun jista' jara kemm ser tigi tiswih din l-attivita'.

## 18.0 Gieh il-Floriana

18.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li Gieh il-Floriana generalment tinghata fil-Florianafest u ghalhekk informa lill-Kunsill li kien ser jitlob lill-Arcipriet jekk dan il-gieh jistax jigi pprezentat fil-Florianafest bhas-soltu.

18.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li Gieh il-Floriana jinghata lil Dr Jean Pierre Farrugia.

18.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li l-premju jinghata jew lil Robbie Mamo, jew Paul Vella jew Doreen Galea.

18.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li hemm bzonn li ssir distinzjoni bejn Gieh il-Floriana u t-Tonna Trophy.

18.5 Is-Sindku qal ukoll li l-premju "Gieh il-Floriana" jrid jinghata lil xi hadd Furjaniz li ddistingwa ruhu fuq livell nazzjonali.

18.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li Robbie Mamo kien ghamel xoghol anke barra l-komunita' Furjaniza u ghalhekk kien iddistingwa ruhu fuq livell nazzjonali wkoll.

18.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li Dr Jean Pierre Farrugia kien ukoll ex politikant.

18.8 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li Dr Jean Pierre Farrugia kien ghadu kandidat u kien hemm cans li jerga' jitla' f'kaz li jkun hemm byelection u ghalhekk, il-karriera politika tieghu kienet ghadha ma spiccatx.

18.9 Is-Sindku ghalhekk ippropona lill-Professur Salvino Busuttil li ghamel unur kbir lill-Floriana fil-qasam akkademiku u anke bid-diversi karigi gholjin li okkupa matul is-snin.

18.10 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili sabiex Gieh il-Floriana jinghata lil Robbie Mamo, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 2 (DSH, VB)
Kontra: 2 (NH, ET)
Astensjonijiet: 0

18.11 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien ivvota kontra din il-mozzjoni minhabba li bhalma qal qabel ihoss li dan il-premju ghandu jinghata lil xi hadd li ddistingwa ruhu fuq livell nazzjonali.

18.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kontro mozzjoni sabiex Gieh il-Floriana jinghata lill-Prof. Salvino Busuttil, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien :

Favur: 2 (NH, ET)
Kontra: 2 (DSH, VB)
Astensjonijiet: 0

18.13 Ghalhekk il-Kunsill qabel li Gieh il- Floriana ghandu jinghata lill-Prof. Salvino Busuttil.

## 19.0 Gemellaggi / Ftehim ta'Koperazzjoni ma bliet barranin

19.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li ricentement, il-MEUSAC kienu baghtu cirkolari lill-Kunsill biex jinformaw b'fond tal-Unjoni Ewropea li jista' jintuza ghall-gemellaggi.

19.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-minimu ta' persuni huwa dak ta' 25 persuna li jigu ghal jumejn jew aktar.

19.3 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li japplika ghal dan il-fond u jingieb grupp ta' nies fi zmien il-Festa fejn kullimkien ikun imzejjen u jkun hemm atmosfera sabiha.

19.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jahdem fuq programm.

19.5 Is-Sindku ssuggerixxa li ghandu jingieb grupp minn Macerata u grupp iehor mill-Germanja.

19.6 Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li d-data tal-gheluq tal-applikazzjonijiet kienet qeghda fil-vicin u ghalhekk kien hemm bzonn li titressaq l-applikazzjoni immedjatament.

## 20.0 Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju

20.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet irceviet email minghand Joe Montebello li kienet saret laqgha bejnhom u l-MOT, u ser jghaddilha l-ezitu.

20.2 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienx hemm xi riflettur in-naha ta' Gnien il-Mall li kien twahhal ghall-kuncert ta' Joseph Calleja u baqa' ma zzarmax. Il-kunsillieri wiegbu li ma kienu raw l-ebda riflettur.

## 21.0 Aggornament tal-Laqgha

21.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-23 ta' Settembru 2013 fit-3.00pm.

Il-laqgha ntemmet fis-6.00pm.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv